



Brussell, 4 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12862/18

ELARG 56
NT 15
FIN 768

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	2 ta' Ottubru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12261/18 ELARG 55
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 7/2018 mill-Qorti tal-Awdituri: "Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE lit-Turkija: Ir-riżultati li nkisbu sa issa għadhom limitati" – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2018 mill-Qorti tal-Awdituri "Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE lit-Turkija: Ir-riżultati li nkisbu sa issa għadhom limitati", kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-2 ta' Ottubru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2018**mill-Qorti tal-Awdituri:****"Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE lit-Turkija: Ir-riżultati li nkisbu sa issa għadhom limitati"**

Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali tagħha Nru 7/2018 u jinnota sew il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih. Il-Kunsill jinnota li l-oġettiv tal-awditu kien li jiġu evalwati t-tfassil u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) mogħtija mill-UE lit-Turkija. L-awdituri eżaminaw il-perijodi ta' programmazzjoni IPA I (2007-2013) u IPA II (2014-2020). L-awdituri ffukaw fuq is-setturi ta' prijorità tal-istat tad-dritt, il-governanza u r-riżorsi umani. Il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza tas-sejbiet ta' dan l-awditu għall-ġestjoni tal-IPA, filwaqt li jinnota li l-awdituri eżaminaw biss l-implimentazzjoni tal-IPA I minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-IPA II.

Il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li, filwaqt li l-oġettivi tal-IPA tfasslu sew, l-effikaċja tal-IPA kienet biss limitata. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-proġetti awditjati ġeneralment irriżultaw kif maħsub, minkejja d-dewmien fl-implimentazzjoni u bl-eċċezzjoni ta' proġetti relatati mal-istat tad-dritt, u li b'mod ġenerali l-valutazzjonijiet tal-approċċ settorjali tal-Kummissjoni pprovdew informazzjoni rilevanti biex jidentifikaw fejn jista' jiġi implimentat l-approċċ settorjali. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib il-konklużjoni tal-Qorti li, fil-prattika, xi ħtiġijiet fundamentali fl-istat tad-dritt u s-setturi tal-governanza kienu indirizzati b'mod insuffiċjenti, il-valutazzjonijiet tas-settur mhux dejjem kienu komprensivi, ftit sar użu mill-kundizzjonalità tal-IPA biex tappoġġa l-proċess ta' riforma f'setturi prijoritarji, ġew innutati nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proġetti, u s-sostenibbiltà hija fir-riskju minħabba rigress fir-riformi u nuqqas ta' rieda politika mill-awtoritajiet Torok. Sors ieħor ta' tħassib hu li l-IPA ttardjat b'mod sinifikanti minħabba l-ħafna xogħol b'lura fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Qorti lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-IPA fit-Turkija fost l-oħrajn permezz ta' żieda fl-użu tal-kondizzjonalità politika u tal-proġett, immirar aħjar tal-fondi tal-IPA skont l-oġettivi stabbiliti, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, it-titjib tal-valutazzjonijiet tal-approċċ settorjali, it-titjib tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proġetti u t-tnaqqis tax-xogħol b'lura billi tiġi applikata ġestjoni indiretta b'mod selettiv.

Il-Kunsill jirringrazzja lill-Kummissjoni għat-tweġibiet tagħha meħmuża mar-Rapport Speċjali Nru 7/2018 u tiegħu nota pożittiva li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet proposti kollha, u diġà indirizzat uħud minnhom. Il-Kunsill japprezza li l-Kummissjoni ser tikkunsidra l-iffukar mill-ġdid propost taħt l-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-2018 u jenfasizza l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li l-progress f'oqsma sensittivi mhuwiex dipendenti biss fuq il-finanzjament allokat tal-IPA iżda aktar fuq ir-rieda politika tal-awtoritajiet Torok. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tinforma b'mod regolari lill-Kumitat ta' Ġestjoni tal-IPA dwar il-kwistjonijiet imqajma mir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u tiżgura li dawn jiġu indirizzati sistematikament, inkluż permezz ta' laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, kif meħtieġ.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar it-Tkabir u l-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, il-Kunsill ifakkar li l-enfasi ġenerali tal-IPA għandha tibqa' fuq prijoritajiet ewlenin, bħalma huma l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u aktar koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.